MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1439/2002/1

**Middle Sea Insurance Plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha George Arrigo**

**vs**

**Francesco Saliba u b'digriet tat-Tribunal tas-6 ta' Novembru 2002, gie kjamat in kawza Abdul Rahman Bin Almann u b'digriet tal-20 ta' Novembru 2003 gie nominat Dr Tonio Azzopardi bhala kuratur deputat biex jirraprezenta lil Abdul Rahman Bin Almann**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija u tlieta u tletin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm633.32) rappresentanti danni sofferti mis-socjeta attrici

assikuratrici meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru EAP 131 fis-7 ta’ Mejju 2001 gewwa s-Swieqi, habat mal-vettura numru ARR 251, proprjeta’ ta’ George Arrigo u ikkaguna danni f’din l-istess vettura ghal liema huwa unikament responsabbli l-istess konvenut stante li huwa kien negligenti u ittraskurat u dana kif ser jigi ippruvat matul it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’l-ittra legali datata 25 ta’ Jannar 2002 u ta’l-ittra ufficjali l-ohra ipprezentata kontestwalment ma’l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax legali kontra l-konvenut, ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fid-9 ta’ Lulju 2002, fejn huwa eccepixxa illi l-pretensjonijiet tas-socjeta attrici huma assolutament infondati fil-fatt u fid-dritt billi mhux minnu li l-konvenut habat mal-vettura EAP131, kif fil-fatt jirrizulta mir-rapport tal-pulizija dwar l-incident in mertu fejn jirrizulta li l-passiggier li kien qieghed fil-vettura tal-konvenut inspjegabbilment fetah il-bieba u laqghat il-vettura l-ohra involuta fil-habta u di fatti minn dan ir-rapport jirrizulta li s-sewwieqa tal-vetturi rispettivi qabblu perfettament dwar il-mekkanika ta’l-incident b’mod li l-konvenut ghandu jigi illiberat mill-osservanza tal-gudizzju. (rapport anness mar-risposta bhala Dokument FS1).

Ra id-digriet tas-6 ta’ Novembru 2002, fejn giet ordnata il-kjamata fil-kawza ta’ Abdul Rahman Bin Almann u dana fuq talba tas-socjeta attrici.

Ra d-digriet tal-20 ta’ Frar 2003 fejn l-avukat Dr. Tonio Azzopardi gie nominat bhala kuratur biex jirrapprezenta lill-assenti Rahman bin Almann fl-atti ta’l-kawza u fl-atti l-ohra relattivi u sussegwenti.

Ra r-risposta tal-kuratur deputat Dr. Tonio Azzopardi ipprezentata fl-4 ta’ Marzu 2003, fejn huwa eccepixxa illi ma huwiex edott mill-provi tal-kaz, hlief dak li irrizultalu minn vizjoni tal-process.

Sema' x-xhieda ta' George Arrigo, PS500 John Giusti, Anthony Farrugia u tal-konvenut Francesco Saliba.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi hemm qbil bejn ix-xhieda dwar id-dinamika ta' dan l-incident. L-incident sehh gewwa Triq is-Sirk, Swieqi, meta l-konvenut li huwa impjegat bhala *driver* ma'l-ambaxxata Libjana kien qieghed iwassal persuna ta' nazzjonalita Gharbija, li kien riekeb bhala passiggier gewwa il-vettura misjuqa minnu prorpjeta ta'l-Ambaxxata. Hekk kif kien ser jipparkeggja kif jidher mill-iskizz esebit mis-surgent Giusti, dan il-passiggier u cioe' il-kjamat fil-kawza qabad u fetah il-bieba tal-vettura f'salt minghajr ma ta cans lill-konvenut sabiex jipparkeggja il-vettura tieghu kif suppost, bil-konsegwenza illi dan il-passiggier bl-azzjoni tieghu laqghat vettura ohra li kienet gejja fit-triq f'dak il-mument, li kienet misjuqa mill-assikurat tas-socjeta attrici, George Arrigo. Il-hsarat fil-vettura ta' Arrigo kienu tul il-genb tal-vettura fuq in-naha tas-sewwieq. Jidher inoltre illi fil-mument ta'l-incident, il-vettura misjuqa mill-konvenut kienet wieqfa.

Illi ghalhekk mill-assjem tal-provi prodotti, it-Tribunal ma jista' isib l-ebda htija fis-sewqan tal-konvenut, jew li dana kien b'xi mod negligenti jew traskurat. Huwa kien semplicement qieghed jipparkeggja sabiex inizzel lil passiggier mill-vettura, meta l-kjamat fil-kawza dehrlu li kellu jiftah il-bieba minghajr ma ha kont tal-vetturi li kienu gejjin fit-triq f'dak il-hin. Illi l-konvenut certament ma kellu l-ebda kontroll fuq l-agir tal-passiggier tieghu. Lanqas ma jirrizulta, per ezempju, illi kien il-konvenut li waqqaf fil-posizzjoni indikata fl-iskizz u ta istruzzjonijiet lill-passiggier sabiex jinzel. Jidher car illi kien il-kjamat fil-kawza li qabad u fetah il-bieba f'salt u dana minghajr ma ta l-ebda pre-avviz ta'l-azzjoni tieghu lill-konvenut.

Illi it-Tribunal lanqas ma jista jadossa xi negligenza kontributorja fuq l-konvenut, ghalkemm s-socjeta attrici

targumenta illi l-konvenut ma kienx ipparkeggjat kif suppost mal-bankina. Dana peress illi fl-ewwel lok il-konvenut jikkontendi illi huwa kien ghadu fil-process li jipparkeggja, u fit-tieni lok anke kieku ghal grazzja ta'l-argument huwa minnu illi l-konvenut ma kienx wieqaf kif suppost, xortawahda, li kieku l-kjamat fil-kawza ma fetahx il-bieba f'salt, l-kollizzjoni ma kenitx isehh ghaliex kien hemm bizzejjed spazju sabiex il-vettura ta'l-assikurat tas-socjeta attrici tghaddi komodament.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal iqies illi l-kawza prossima ta' dan l-incident kienet l-azzjoni minghajr kont, tal-kjamat fil-kawza li wassal ghad-danni ikkagjonati fil-vettura ta'l-assikurat tas-socjeta attrici u kwindi ghandu ikun tenut responsabbli ghad-danni kollha subiti fl-istess vettura.

Illi ghar-rigward tal-*quantum* tad-danni ma jidhirx li hemm kontestazzjoni. Inoltre l-ammont mitlub mis-socjeta attrici jidher li huwa gustifikat, kif jirrizulta mid-dokumenti esebieti a fol.41 sa 44 tal-process.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt illi jillibera l-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju, jilqa' t-talba attrici fil-konfront tal-kjamat fil-kawza nomine u jikkundanna lill-istess kjamat fil-kawza nomine ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' sitt mija u tlieta u tletin lira Maltin u tnejn u tletin centezmu (Lm633.32), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tas-16 ta' Jannar 2002 ghandhom jigu sopportati interament mill-kjamat fil-kawza nomine

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------